**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 36**

**L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Dr. Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**Assenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **36.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 36.1.1 | Ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Elenia Desira fejn stqarret li ma setgħetx tattendi. |
| **36.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 36.2.1 | **Korezzjoni Minuti ta' Diċembru 2021.** |
| 36.2.2 | Minuta 35.4.1 - Iktar infuzar imħallas mill-Kunsill. |
| 36.2.3 | Minuta 35.4.2 - L-iscooters jiġu regolariżżati biex nevitaw li jkollna scooters mitluqin mal-lokalita kollha. |
| 36.2.4 | Minuta 35.8.3 - Devoluzzjoi tal-Car Park (football). Ġie deċiż li formalment titressaq l-applikazzjoni għal devoluzzjoni mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali. |
| 36.2.5 | Stephen Caruana ppropona u ssekonda Daniel Zerafa bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 35 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **36.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 36.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-18 ta' Jannar 2022 Is-Sindku kellu laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità fejn ġiet diskussa il-problema tal-imwejjed u siġġijiet. Is-Sindku informa li intbgħatet ittra lil kulħadd. |
| 36.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-18 ta` Jannar 2022, Is-Sindku flimkien mal-Assitant Priċipal Jordy Brincat, kellu laqgħa online mal-ERA rigward il-ġnien li ħa jsir wara l-Carpark. Is-Sindku qal li l-ammont li ser toħroġ l-ERA huwa parti żgħira wisq biex isir dan il-proġett. L-ERA ma qablitx li jitneħħa il ġibjun.Is-sindku qal li ser japplika għall fondi tal ERA kif ukoll applikazzjoni għall fondi tal-E.U. Il-Laqgħa li jmiss ser jinġiebu aktar dettalji. Dawk preżenti qablu. |
| 36.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-19 ta`Jannar 2022, Is-Sindku flimkien mal-Assitant Priċipal Jordy Brincat, kellu laqgħa L-ELC ma' Dr Cuschieri fejn ġie diskuss il-pjanta tad-daħla ta' Marsaxlokk. Is-Sindku qal li dawn bidlu xi ftit il pjanta, tneħħa xi ilma u ħa sir xi madum qisu ilma. Daniel saqsa dwar is-siġra Fejn is-sindku qal li mhux ser tinqala. |
| 36.3.4 | Is-Sindku tkellem dwar it-talba tal-Carpark fejn speja li ser ikun hemm proposta ta' tqegħid ta' sistema tal-Panelli u l-parti l-oħra ser tkun kif ser jiġi mmaniġjat il-parkeġġ. Hu qal li dan ser jigi propost sistema bħal tal-Lokalita' tal-Ħamrun fejn l-użu isir bi ħlas. Ir-rikavat imur għal manutenzjoni ta' l-istess parkeġġ u l-ġnien. Dawk preżenti qablu. |
| 36,4,1 | **Mr. Michael Debono- Power Solutions.** |
| | **Proposta**<br>• Mr. Michael Debono li jirrappreżenta Kumpanija Power Solutions flimkien mal-aMelita Cable PLC propona li jikri l-ispazju fuq is-saqaf tal- Carpark u jitpoġġew panelli sabiex jagħmlu parti minn proġett li qed jaħdmu fuqu ta '0' Carbon.<br>• B'dan il mod il-Kunsill ikun qed jiġġernera gwadan mill-kiri ta' dan l-ispazju fejn ikun jista juża dawn il-flus lejn proġetti fil-komunita ta M' Xlokk<br>• Is-Sur Debono semma ukoll li jkunu qed joffru Free Car Charging Stations. |

| | |
|---|---|
| | • Meta mistoqsi minn Daniel Zerafa u minn Janice Chetcuti dwar l-estetika ta kif sa tidher Is-Sur Debono qal li kif ikun hemm *go ahead* mill-Awtorita tal-artijiet isir studju sabiex jiġi pjanat disin li ma jkerrahx il-madwar.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv Charles Attard qal li f'dan l-istadju għadu ftit prematur sabiex tittieħed deċiżjoni peress li l-art għadha ma ġietx devoluta lil Kunsill.<br><br>Is-Sindku Steve Grech ma joġġezjonax għal din il-proposta filwaqt li qal dejjem ser ikun hemm min joffri resiżistenza jew igerger għall dan bħall ma jagħmlu għal bosta proġetti oħra.<br><br>**Konklużjoni**<br><br>• Is-Sur Debono ġie mitlub li jagħmel rapport qasir tal-proposta tiegħu sabiex dan jiġi anness mal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni sabiex tagħti saħħa lit-talba tal-Kunsill. |
| **36.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 36.4.1 | Mistoqsijiet saru waqt diskussjonijiet |
| **36.5** | **Attivitajiet Sportivi** |
| 36.5.1 | Dr.Janice Chetcuti spjegat li li fondi għall din l-attivita ma ħarġux. Dawn kienu jkun madwar €6,000. Il-lezzjonijiet ikunu tlett darbiet fil ġimgħa għall-siegħa. Meta tkun ix-xita jew maltemp il-lezzjoni tmur online il-bqija dejjem tkun fil post li jintuża is-soltu. Hija spjegat kif qabel il pandemija kienu jkun madwar 30 issa qed ikun hemm xi 15 il-persuna.<br><br>Is-Sur Daniel Zerafa Saqsa dwar id-dħul li għandu mill-allokazzjoni tal-Kunsill fejn id-Deputat Segretarju Carmel Attard, qal li madwar €460,000. Ġie iċċarta li min dan id-dħul jitnaqsu il-pagi u spejjeż tal-Kunsill. Is-Sindku hawn qal li jekk hemm xi ħaġa li qed issir u qed tkun tajba ma jarax għalfejn għanda titneħħa. Sar qbil bejn dawk prezenti sabiex il Kunsill joħroġ dawn il-Fondi u jitkomplew dawn l-attivitajiet. |
| **36.6** | **Talba għall-għajnuna għall-annimali.** |
| 36.6.1 | Is-Sa Janice Chetcuti qalet li peress li hi tieħu ħsieb id-dekasteru għall ħarsien tal-annimali u din is-sena ma ħarġux skemi sabiex ikun hemm għajnuna kemm għal-kura kif ukoll għall *Neutering*. Hi qalet ukoll li saret taf li hemm NGO bl-isem ta' Happy Paws li ħarġet skema ta' *cards* li jiswew €50 il-waħda u biha din isiru madwar 10 *Nueterings*. Janice talbet li il-Kunsill jixtri b'€500 *cards* u jixtri ukoll €500 ikel bħala għajununa ta' din l-NGO. Din l-għajuna trid isir fi żmien stipulat. Hekk ikunu qed inqasu b'mod drastiku it-tkabbir tal-kolonji, fejn spjegat li qattusa waħda tista titgħammar madwar tlett darbiet fis-sena. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti għal din it-talba. |
| **36.7** | **Għajnuna Finanzjarja għal-Serata b'Kollaborazzjoni bejn il-Parroċċa u l-Kunsill.** |
| 36.7.1 | Kien hemm qbil bejn dawk preżenti sabiex tingħata is-somma ta' €500 lill-Parroċċa għal din l-attività. |

| | |
|---|---|
| **36.8** | **Mwejjed u siġġijiet** |
| 36.8.1 | Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsilliera preżenti, jaqblux li jsiru *studs* bħala marka għal dawk li jpoġġu l-Imwejjed u s-Siġġijiet. Wara diskussjoni sar qbil li jaraw iktar x'jista jsir. Rigward ħruġ tal-imwejjed ser jiġi attwat permess ta' €23.29c kull weekend hekk kif rikjest mill-liġi, u jitħallas xahar bil-quddiem. |
| **36.9** | **Triq il-Kavallerizza - Ilmenti dwar ilma fit-triq** |
| 36.9.1 | Is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, informaw fid-dettal lil dawk preżenti x'ġara, u li kellhom laqgħa mar-residenti kkoncernati. Kien hemm pjan li naraw stima tax-xogħol u l-Kunsill Lokali jassisti fejn hu possibli. |
| **36.10** | **Tenders** |
| 36.10.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, informa lil dawk preżenti li ser jinħareġ it-*tender* għall-ġbir tal-iskart goff kif ukoll it-*tender* għall-Accountant. Rigward it-*tender* tal-*playing fields* din giet aġġudikata lill-Kumpanija Gokker. |
| **36.11** | **Il-Bandli tal-Magħluq** |
| 36.11.1 | Is-Sindku Steven Grech, informa lil dawk preżeni li ħarġet skema ta' fondi għal tisbieħ u *upgrade* tal-*playing fields*. Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li dawn il fondi jintużaw sabiex jiġu tranġati il-bandli tal-Magħluq, apparti il-Fondi li kienu ntalbu mill-Ministeru tat-Turiżmu. Spjega ukoll li wara żjara fuq il-post ġie ggwidat sabiex jinbidlu il-posizzjoni tal-Bandli. |
| **36.12** | ***Planning Authority*** |
| 36.12.1 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa li kull m'hemm bħalissa hi dik tal-Għar l-Aħmar. |
| **36.13** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti** |
| 36.13.1 | Skeda pagament Propona il-Kunsillier Stephen Caruana u ssekondat il-Kunsilliera Janice Chetcuti. |
| **36.14** | **Tmiem tas-Seduta u data tas-Seduta li jmiss** |
| 36.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:25h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Hamis 24 ta' Frar 2022, fl-16:30h. |

**Ikkonfermati, illum 24 ta' Frar 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Steven Grech** | **Carmel Attard** |
| *Sindku* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |